MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2011

Numru. 86/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Carmel Sultana ta’ 66 sena, bin Emanuel u Grezzja nee’ Grech,**
**imwieled Xaghra, (Ghawdex), nhar it-12 ta’ Ottubru, 1942, residenti fil-fond numru 40, Triq Gnien Xibla, Xaghra (Ghawdex) u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 61742(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra ’l fuq imsemmi Carmel Sultana li gie akkuzat talli madwar erbghin (40) sena ilu u fi snin ta’ wara f’dawn il-Gzejjer gewwa Ghawdex;

a) Biegh, trasferixxa, jew ikkunsinna taht titolu li jkun arma regolari cioe' Shot-gun ta' l-ghamla mhux maghrufa bin-numru mhux maghruf lil xi persuna li ma kellhiex licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghal din l-imsemmija arma (Art. 20 Kap 480);
b) U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi bhala l-persuna illi f'ismu ghandu registrata mal-Kummissarju tal-Pulizija l-imsemmija Shot-gun, naqas li jzomm fil-kustodja tieghu din l-arma b'tali mod li ma tigix f'idejn persuni ohra (Art. 47 Kap 480);

Rat l-imputazzjonijiet;
Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 20, 47, 51 (4) u (8) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' elf mitejn u tmenin ewro (€1280) li ghandha tithallas f'rati mensili ta' mija u tmienja u ghoxrin ewro (€128) il-wahda bl-ewwel pagament dovut sal-ahhar ta' Marzu, 2011.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------